A.L. 194 ta' l-1990

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI

(ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolament li Jemenda Ir-Regolamenti għall-Grad ta' Liċenzjat fit-Teoloġija Sagra (S.Th.L.)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att tal-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ippromulga dan ir-regolament li jemenda r-Regolamenti għall-Grad ta' Liċenzjat fit-Teoloġija Sagra (S.Th.L.) magħmula mis-Senat bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att.

Titolu fil-Qosor

Dan ir-regolament jista' jissejjaħ Emenda Nru 1 għar-Regolamenti tal-S.Th.L. (A.L. Nru. 102 tal-1988).

Regolament li jemenda Ir-Regolamenti għall-Grad ta' Liċenzjat fit-Teoloġija Sagra — S.Th.L.

Ir-Regolamenti għall-Grad ta' Liċenzjat fit-Teoloġija Sagra (S.Th.L.), ippublikati fl-Avviż Legali Nru. 102 tal-1988, li minn issa l-quddiem jissejħu r-regolamenti ewlenin, huma emendati skond kif ġej:

A. Ir-regolament 7.7 tar-regolamenti ewlenin jitħassar u minfloku jidħol dan li ġej:

"7.7 Kandidat jista jagħti d-dissertazzjoni biex tiġi kkoreġuta sa tnax-il xahar wara li jkun għadda mill-Eżami Finali. Il-Board tal-Fakulta' jista jtawwal dan iż-żmien b'sitt xhur u, f'ċirkustanzi speċjali biss, b'aktar."

B. Minnufih wara r-Regolament 9 tar-regolament ewlenin għandu jidħol dan li ġej:

Applikazzjoni

10.1 Dawn ir-regolamenti jkunu japplikaw għall-korsijiet li bdew fil jew qabel l-1986, u għandhom jibqgħu abrogati għall-bqija."